# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 9/2017/2 JVC**

**Avukat Dottor Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes**

**v.**

**Peter Camilleri u Frans Camilleri**

**Preliminari:**

1. L-attur *nomine* intavola din il-kawża 9/2017/JVC sabiex jiġi dikjarat li r-rikors ġuramentat bin-numru 17/2015/PC fl-ismijiet ***Peter Camilleri et -v- l-Avukat Dr Jean Paul Grech nominat kuratur għall-wirt battal ta' Emanuel Camilleri*** huwa illegali, irritwali, null u mingħajr effett legali; li għalhekk is-sentenza relattiva mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni tagħha Superjuri tal-11 ta' Ottubru 2016 hija

ineffettiva fuq l-atturi f'din il-kawża odjerna; u biex sussegwentement jingħata rimedju. Skont l-attur *nomine* il-kawża 17/2015/PC infethet erronjament kontra l-wirt battal ta' Emanuel Camilleri meta effettivament Peter u Frans aħwa Camilleri kienu jafu li l-wirt ta' zijuhom ma kien battal xejn. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) f'din il-kawża odjerna 9/17/JVC ċaħdet it-talbiet tal-attur *nomine* wara li laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, li "*ma huwiex mogħti d-dritt lil xi ħadd li permezz ta' kawża jattakka l-eżistenza ta' kawża oħra jew ta' sentenza ġia deċiża.*" Minn tali deċiżjoni l-attur *nomine* intavola l-appell odjern.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi s-sentenza appellata.

"Il-Qorti;

"Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes illi ppremetta:

"1. Illi permezz ta' Rikors Guramentat fl-ismijiet "Peter Camilleri u Frans Camilleri -Vs- L-Avukat Dr. Jean Paul Grech li b'digriet tas-7 ta' April 2015 gie nominat bhala Kuratur ghall-wirt battal ta' Emanuel Camilleri, gja pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria née Bigeni" - Ref: 17/2015PC prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) mill-konvenuti Peter u Frans ahwa Camilleri wara li ppremettew li Emanuel Camilleri gia pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria née Bigeni imwieled fin-Nadur Ghawdex miet go Victoria Ghawdex nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984) u li l-istess Emanuel Camilleri irregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tal-ghoxrin (20) ta' Novembru tal-elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) fejn permezz tieghu halla b'titolu ta' legat favur l-atturi appellati Peter u Frans ahwa Camilleri l-beni kollha u mmobbli u kull depozitu bankarju u kull stocks u bonds illi kellu ttestatur fosthom il-lok ta' djar bin numru 7, Triq Hanaq, Nadur, Ghawdex u peress li huma xtaqu jigu mmessi formalment fil-pussess ta' dan il-

legat li skont huma sal-lum kien diga' fil-pussess materjali taghhom u talbu lil din il-Qorti:

i. Tiddikjara illi permezz tat-testment tal-ghoxrin (20) ta' Novembru tal-elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, Emanuel Camilleri halla b'titolu ta' legat lill-istess atturi fi kwoti ndaqs u divizi bejniethom il-beni kollha mobbli u mmobbli u kull depozitu bankarju u kull stocks u bonds illi hu testatur kellu fl-epoka tal-mewt tieghu f'Malta jew Ghawdex;

ii. Tiddikjara illi fost il-beni mmobbli illi kellu t-testatur kien hemm il-fond bin-numru 7, Triq Hanaq, Nadur, Ghawdex;

iii. Tordna lill-konvenut sabiex jersaq ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi b'mod specjali tal-fond immobbli bl-indirizz 7, Triq Hanaq, Nadur, Ghawdex.

   Bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-ittra ufficjali ta' l-ghoxrin (20) ta' Marzu tas- sena elfejn u hmistax (2015).

"2. Illi din il-kawza erronjament infethet kontra l-wirt battal ta' Emanuel Camilleri meta kif jafu ben tajjeb l-istess konvenuti, il-wirt ta' Emanuel Camilleri mhux battal.

"3. Illi iben Emanuel Camilleri, Lorenzo Camilleri (illum mejjet ukoll) kien l-attur fil-kawza fl-ismijiet "Martin Camilleri Noe. vs Emanuel Camilleri Et." ref: 78/1985 liema kawza damet ghaddejja ghal madwar tletin sena u f'liema kawza z-zewg konvenuti kienu wkoll konvenuti. Din il-kawza fuq imsemmija giet dezerta wara li kemm l-attur Lorenzo Camilleri (li jigi missier l-atturi) u kif ukoll il-mandatarju tieghu Martin Camilleri mietu fl-istess zmien.

"4. Illi ghalhekk il-kawza kellha tinfetah kontra l-eredi ta' Lorenzo Camilleri u mhux kontra l-wirt battal ta' missieru Emanuel Camilleri.

"5. Illi s-suespost mhux semplicament zball izda proceduralment din il-kawza hija ntiza biex tqarraq u dana ghal dawn is-segwenti ragunijiet:

i. Naqsu milli jsemmu fir-rikors promotur it-tieni testment tal-1982 li kien sar minn Emanuel Camilleri u li fuqu l-kawza fl-ismijiet "Martin Camilleri Noe. vs Emanuel Camilleri Et." ref: 78/1985 kienet imsejsa.

ii. Naqsu li jsemmu fl-affidavitipprezentant it-tieni testment u li fuqu l-kawza fl-ismijiet "Martin Camilleri Noe. vs Emanuel Camilleri Et." ref: 78/1985 kienet imsejsa; u

iii. Naqsu milli b'xi mod jippruvaw jinnotifikaw lill-atturi bil-proceduri istitwiti.

“6. Illi ghalhekk hemm lok li jigi dikjarat li r-Rikors Guramentat flismijiet “Peter Camilleri U Frans Camilleri -Vs- L-Avukat Dr. Jean Paul Grech li b’digriet tas-7 ta’ April 2015 gie nominat bhala Kuratur ghall-wirt battal ta’ Emanuel Camilleri, gja pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri U Maria née Bigeni” - Ref: 17/2015PC prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) jigi dikjarati llegali ghax kontra l-ligi, irritwali, null u ghalhekk minghajr effett legali.

“7. Illi r-rikorrenti jaf b’dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.

“Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara ir-Rikors Guramentat fl-ismijiet “Peter Camilleri u Frans Camilleri -vs- L-Avukat Dr. Jean Paul Grech li b’digriet tas-7 ta’ April 2015 gie nominat bhala Kuratur ghall-wirt battal ta’ Emanuel Camilleri, gja pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria née Bigeni” - Ref: 17/2015PC bhala illegali, irritwali u nulli u ghalhekk minghajr effett legali;

“2. Tiddikjara ghalhekk li s-sentenza fl-ismijiet “Peter Camilleri u Frans Camilleri -Vs- L-Avukat Dr. Jean Paul Grech li b’digriet tas-7 ta’ April 2015 gie nominat bhala Kuratur ghall-wirt battal ta’ Emanuel Camilleri, gja pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri U Maria née Bigeni” - Ref: 17/2015PC ma’ taghmilx fronti fil-konfront tal-atturi;

“3. Sussegwentament tipprovdi rimedju.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha illi eccepew:

“1. Illi preliminarjament il-mankanza ta' l-interess guridiku ta' l-atturi fit-talbiet proposti stante illi l-atturi ma kienux parti fl-imsemmija kawza u sentenza u ghalhekk bl-ebda mod ma jistghu jaghmlu talbiet dwar rizultanzi li jemergu minn dik is-sentenza.

“2. Illi wkoll fuq lineja preliminari ma huwiex moghti d-dritt lil xi hadd li permezz ta' kawza jattakka l-ezistenza ta' kawza ohra jew ta' sentenza gia deciza.

“3. Illi wkoll fuq lanjanza preliminari s-sentenza li l-attur qed jipprova jattakka ghadha ma ghaddietx in gudikat ghaliex kien propju l-attur nomine li ntavola appell tat-terz fejn propju ressaq l-istess aggravji li qed iressaq f'din il-kawza.

“4. Illi preliminarjament ukoll stante l-esistenza ta' l-appell fil-kawza Peter Camilleri et vs Dr. Jean Paul Grech noe et (rik 17/2015) li

propju qed jitratta l-istess mertu l-istess lanjanza u bejn l-istess partijiet, qed tigi ecepita il-*lis alibi pendens.*

“5. Illi wkoll fuq lineja preliminari ma jistax l-attur nomine li qed jappella f'kawza li l-anqas kien parti fiha jigi jallega illi r-rikors guramentat huwa wiehed irritwali u minghajr effett legali. L-appell minnu nnifsu jippresupponi l-validita’ tar-rikors guramentat.

“6. Illi t-talbiet attrici kif formulati huma rriti u monki u ma jistghux jigu milqugha. In oltre huma talbiet frivoli u vessatorji li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-komminazzjonijiet stipulati mil-ligi ghall-kawzi simili. F'dan ir-rigward il-konvenuti filwaqt li qed izommu fermi d-drittijiet taghhom ghad-danni fil-konfront tal-attur nomine, jirriservaw ukoll li jitolbu l-inizju ta' procedura ghall- gurament falz kontra min halef din il-kawza, stante illi din il-kawza hija falsita minnha nnifisha.

“7. Illi fil-mertu l-kawza msemmija (17/015) saret il-mansjonijiet tad-drittijiet tal-konvenuti liema drittijiet gew ikkonfermati fis-sentenza u ma kien hemm xejn qarrieq jew zbaljat.

“8. Illi jekk kien hemm xi haga qarrieqa dan kien l-agir ta' l-attur nomine li kien jaf minn dejjem bl-esistenza tal-kawza, qaghad komdu jsegwiha bla ma jintervjeni u mbaghad x'hin dehrlu ghamel appell tat-terz u ntavola l-kawza odjerna.

“9. Illi l-kawza giet miftuha u processata ricto et rite skont il-ligi.

“10. Illi din ir-risposta qed issir miz-zewg konvenuti u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-konvenut Peter Camilleri li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza u in eccezzjoni.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u l-provi kollha esibiti fl-atti;

“Rat l-atti kollha tar-rikors guramentat numru: 17/2015(PC) fl-ismijiet Peter Camilleri et vs Avukat Dr Jean Paul Grech noe kif ukoll il-atti kollha tac-citazzjoni numru: 78/1985 fl-ismijiet Martin Camilleri noe vs Emanuel Camilleri et li gew allegati mal-atti tal-kawza odjerna;

“Rat illi fil-verbal tat-18 ta’ Ottubru, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f’termini mposti fuqhom;

“Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esibiti fl-atti;

“Rat l-atti kollha.

**“Ikkunsidrat**

"Illi permezz ta' din il-kawza l-attur nomine qieghed jitlob li jigi ddikjarat li r-rikors guramentat bin-numru: 17/2015(PC) fl-ismijiet Peter Camilleri u Frans Camilleri vs L-avukat Dr. Jean Paul Grech noe huwa wiehed illegali, irritwali u null u minghajr effett legali u ghalhekk konsegwentament is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni taghha Superjuri ta' nhar il-11 ta' Ottubru 2016 m'ghandiex effett fuq l-atturi ta' din il-kawza. L-atturi qeghdin jitolbu dan ghaliex skont huma, din il-kawza nfethet erronjament kontra wirt battal meta fil-verita' il-konvenuti kienu jafu li dan l-wirt ma kienx battal xejn.

"Mill-banda l-ohra, il-konvenuti laqghu ghal din il-kawza billi resqu eccezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu, fosthom eccezzjoni preliminari tal-interess guridiku u ohra li ma hemm l-ebda dritt li tattakka l-esistenza ta' kawza ohra jew ta' sentenza gia deciza. Di piu' inghad li lkawza li taghha qed tintalab in-nullita', irritwalita' u llegalita' ghadha ma ghaddietx in gudikat u dana peress li l-attur nomine prezenta appell tatterz. Giet eccepita wkoll il-*lis alibi pendens*.

**"Il-fatti fil-Qosor**

"Illi jirrizulta li antecedenti ghall-kawza odjerna, kien hemm zewg (2) kawzi ohra li b'mod jew iehor it-tnejn kienu fuq l-kwistjoni tal-wirt u successjoni ta' Emanuel Camilleri, li miet fir-Rabat, Ghawdex nhar il-21 ta' Jannar 1984. Jirrizulta mill-atti li Emanuel Camilleri ghamel zmien twil jghix gewwa l-Ingilterra fejn izzewweg lil wahda certa Cathlene Leigh. L-imsemmija Cathlene Leigh kienet gia mizzewga u ddivorzjata u ghalhekk iz-zwieg taghhom dak iz-zmien, ma setax jigi rikonoxxut taht il-Ligi Maltija. Minn dan iz-zwieg Emanuel Camilleri kellu l-uniku wild tieghu u cioe' lil Lawrence Camilleri. Emanuel Camilleri fl-ahhar tliet (3) snin ta' hajtu kien rega' gie jghix gewwa l-gzira ta' Ghawdex fejn ghex finNadur u sussegwentament miet fir-Rabat, Ghawdex.

"Illi jirrizulta li fil-gzejjer ta' Malta u Ghawdex, Emanuel Camilleri kien ghamel testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi li jgib id-data tal-20 ta' Novembru 1981 (fol. 15 tal-kawza bic-cit nru: 78/1985) mentri sussegwentament kien ghamel testment iehor gewwa l-Ingilterra datat 22 ta' April 1982 (fol. 11 tal-kawza bic-cit nru: 78/1985). Fit-testment li kien ghamel gewwa Malta huwa kien halla b'titolu ta' legat lil zewg neputijiet tieghu Frans u Peter ahwa Camilleri (ulied huh Tarcisio Camilleri) il-beni kollha mobbli u mmobli u kull depozitu bankarju u kull stock u bonds li jkollu fl-epoka tal-mewt tieghu. Huwa kien ukoll irrevoka kwalunkwe testment li ghamel gewwa l-Gzejjer filwaqt li halla shah u ntegri ddisposizzjonijiet li huwa ghamel barra minn Malta. Fit-testment li kien ghamel fl-Ingilterra li jgib id-data tat-22 ta' April 1982 huwa kien halla bhala ezekutur lil ibnu Lawrence Camilleri kif ukoll halla lilu l-proprjetajiet kollha li kellu gewwa l-Ingilterra. Huwa kien hassar kwalunkwe testmenti u kodici li seta' ghamel precedentement.

"Minn dan suespost hareg ix-xenarju kollu taz-zewg (2) kawzi precedenti ghal din il-kawza odjerna:

**“Citazzjoni numru: 78/1985 fl-ismijiet Peter Camilleri et vs Avukat Dr Jean Paul Grech noe:-**

“Din il-kawza tmur lura ghas-sena 1985 u giet istitwita minn Martin Camilleri ghan-nom u bhala prokuratur ta’ Lawrence Camilleri (iben l-fuq imsemmi Emanuel Camilleri), kontra Emanuel Camilleri (iben Tarcisio Camilleri - dan kien qieghed jokkupa l-fond) u ghal kull interess li jista’ jkollu Tarcisio Camilleri.

“F’din il-kawza l-attur kien talab li jigi dikjarat li huwa l-eredi sia testamentarju u sia ex lege ta’ missieru Emanuel Camilleri; li Emanuel Camilleri (iben Tarcisio Camilleri) jigi zgumbrat mill-fond bin-numru 7 fi Triq Hanaq, Nadur, Ghawdex u li l-konvenuti jigu kkundannati jirritornaw lura vettura tal-marka Vauxhall u s-somma ta’ sitt elef lira sterlina (£6000).

“Ghandu jinghad li f’din il-kawza kien gie deciz li jitqabbad perit legali sabiex jisma’ x-xhieda bil-gurament u jirrelata bil-miktub fuq il-kaz. Wara li saru hafna tibdil fil-periti legali fl-ahhar giet nominata Dr Georgine Grech, li kienet semghet ix-xhieda u rrelatat dwar il-kaz u difatti halfet ir-rapport taghha nhar il-1 ta’ Marzu 2011 (fol. 141 – fol. 180 tal-kawza bic-cit nru: 78/1985).

“Fil-mori tal-kawza precizament nhar il-24 ta’ Awwissu 2005 miet l-attur Lawrence Camilleri. Permezz ta’ digriet tal-20 ta’ April 2010, l-atti tal-kawza kienu gew legittimati fuq it-tliet (3) uliedu Paul, Lawrence u Deborah Brookes (l-atturi fil-kawza prezenti). Sussegwentement kien miet ir-rapprezentant ta’ Lawrence Camilleri u cioe’ Martin Camilleri u l-konvenut fil-kawza Emanuel Camilleri. Peress li fil-kawza ma kienx qieghed isir progress, fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2013 il-Qorti qieset li rrikorrenti ma kienx fadlilhom interess u ghalhekk kienet poggiet ir-rikors *sine die,* bil-konsegwenza li sentenza finali qatt ma nghatat.

**“Rikors guramentat numru: 17/2015(PC) fl-ismijiet Peter Camilleri et vs Avukat Dr Jean Paul Grech noe:-**

“Din il-kawza giet istitwita minn Peter u Frans ahwa Camilleri kontra Dr Jean Paul Grech li b’digriet tas-7 ta’ April 2015 gie nominat bhala kuratur ghall-wirt battal ta’ Emanuel Camilleri gia, pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria nee’ Bigeni imwieled u kien joqghod in-Nadur, Ghawdex u li miet fil-21 ta’ Jannar 1984. Hawnhekk l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara li bit-testment tal-20 ta’ Novembru 1981 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, Emanuel Camilleri kien halla lilhom b’titolu ta’ legat fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom, il-beni kollha mobbli u mmobbli u kull depozitu bankarju u kull stocks u bonds li t-testatur kellu fl-epoka tal-mewt tieghu gewwa Malta u Ghawdex;  tiddikjara li fost il-beni mmobbli kien hemm il-fond bin-numru 7, fi Triq tal-Hanaq, Nadur, Ghawdex u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex jimmetti fil-pussess il-legat imsemmi b’mod specjali dak tal-fond imsemmi.

“Illi l-Onorabbli Qorti f’din il-kawza kienet ukoll hadet konjizzjoni tal-atti tal-process 78/1985 fosthom ir-rapport li kien sar minn Dr Georgine Grech fil-kawza bin-numru: 78/1985. Permezz ta’ decizjoni datata l-11 ta’ Ottubru 2016 il-Qorti, kif diversament presjeduta, laqghet it-talbiet attrici u ordnat lill-kuratur Dr Jean Paul Grech sabiex jidher fuq l-att talimmissjoni tal-pussess u cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine.

“Jirrizulta mill-atti odjerni, kif ukoll konfermat mill-istess Avukat Dottor Larry Formosa fix-xhieda tieghu fl-atti odjerni u wkoll bi qbil bejn ilpartijiet fil-verbal tad-19 ta’ April, 2018 li mid-decizjoni hawn fuq imsemmija bin-numru 17/2015 gie ntavolat appell tat-terz mill-atturi odjerni liema appell ghadu pendenti.

**“Ikkunsidrat ulterjorment:**

**“It-tieni eccezzjoni preliminari**

“Illi kif sew jissottomettu l-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom ikun opportun li din l-Qorti tibda billi fl-ewwel lok thares lejn it-tieni eccezzjoni preliminari u cioe’ jekk huwiex moghti d-dritt lil xi hadd li permezz ta’ kawza jattakka l-esistenza ta’ kawza ohra jew ta’ sentenza deciza’. Dan l-ghaliex jekk jirrizulta li ma huwiex moghti dan id-dritt allura l-kawza odjerna tigi michuda *ab inizio*.

“Illi minn qari tar-rikors guramentat u b’mod partikolari tat-talbiet attrici huwa evidenti li dak li qed jittentaw jottjenu l-atturi minn din il-Qorti huwa r-*restitutio in integrum,* u cioe’ li jerga’ jitqieghed kollox fl-istess posizzjoni li kienu qabel ma nghatat is-sentenza minnhom impunjata. Infatti huma talbu li r–rikors guramentat numru: 17/2015PC fl-ismijiet Peter Camilleri et vs Avukat Dr Jean Paul Grech noe jigi dikjarat bhala wiehed ‘…*illegali, irritwali, u nulli u ghalhekk minghajr effett legali.*’

“F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-gurisdizzjoni taghha Inferjuri u li ggib iddata tat-12 ta’ Lulju 1965 fl-ismijiet: **Leone Misrahi vs Giuseppe Cassar et** fejn dik il-qorti rriteniet li r-*restitutio in integrum* bhala istitut indipendenti ta’ impunjazzjoni ta’ sentenza definittiva gie abolit meta fis-sistema tal-ligi taghna gie organizzat l-istitut ta’ ritrattazzjoni. Dak l-istitut kien applikat in bazi ghal dak li kien konsiderat il-*‘jus comune’* taghna, cjoe’, tad-Dritt Ruman kif modifikat minn ligijiet u konswetudinijiet partikolari u nfluwenzat mid-Dritt Kanoniku. Bis-sahha tal-ligijiet il-godda r-rimedju tar-restituzzjoni kellu jitqies abbolit bhala kuntrarju u nkonsistenti mar-rimedju tar- ritrattazzjoni. Intqal li

> ‘*Del resto anqas jidher li jaghmel sens illi l-ligi mill-banda l-wahda tghid (kif jghid l-artikolu 816 (illum art. 813) tal-Kodici ta’ Procedura) illi r-ritrattazzjoni ma tinghatax hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 814 (illum 811) u tistabilixxi z-zmien perentorju li fih ir-ritrattazzjoni tista’ tintalab, u fl-istess hin, wiehed jippretendi mill-banda l-ohra illi b’dana kollu, sentenzi jistghu jigu revokati u l-*

*kawzi ritrattati f'kazijiet ohra wkoll indeterminati meta suppost ikun hemm 'gusta kawza' u bla regolament la ta' forma u lanqas ta' zmien u dan b'rimedju iehor li, ghal kull effett u fini prattiku, mhux hlief ritrattazzjoni b'isem iehor'*

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Gerada vs Avv. Dr Antonio Caruana**, fir-rigward l-istitut ta' r-*restitutio in integrum* l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddikjarat kif isegwi:

*'Meta l-ligi taghti l-mezzi sabiex fl-interess taghhom il-partijiet jaghmlu uzu minnhom halli jwaqqghu sentenzi, anke li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jigux fil-fatt minnhom adoperati huma ma jibqalhomx rimedju iehor ghal dak il-fini, u dan barra milli ghar-ragunijiet li ntqalu fuq ghall-presunzjoni tal-verita', li ghandha jkollha setgha u tikkopri kwalunkwe kawza ta' nullita', peress illi lkawzi ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba'.*

"Relevanti wkoll ghall-mertu tal-kawza odjerna huwa dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Fenech vs Emmanuele Borg** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-3 ta' April 1962 fejn inghad:

*'Jekk sentenza tinghata meta l-konvenut ma kienx gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, ir-rimedju tal-konvenut biex jimpunja dik issentenza mhuwiex dak li jitlob b'kawza ohra n-nullita' ta' dik is-sentenza, imma jew ir-rimedju ordinarju tal-appell, jew ir-ritrattazzjoni'.*

"Illi dawn il-pronunzjamenti ghandhom isibu l-applikazzjoni taghhom ghall-mertu tal-kawza odjerna. Huwa car li l-azzjoni tal-atturi, li biha qeghdin jitolbu n-nullita', l-irritwalita' u l-illegalita' tas-sentenza hija improponibbli. L-atturi qeghdin jitolbu rizultat li ma jistax jigi ottenut bil-procedura adoperata. Mill-banda l-ohra, l-atturi kellhom a disposizzjoni taghhom zgur ir-rimedju stabbilit bil-ligi u cioe' dak **ordinarju** tal-appell u dak **straordinarju** tar-ritrattazzjoni. Tant hu hekk li fil-fatt jirrizulta li l-istess atturi prezentaw appell tat-terz kontra l-istess decizjoni li permezz tal-proceduri odjerni qed jitolbu li tigi dikjarata llegali, irritwali, nulla u ghalhekk minghajr effett legali.

"Kif gia nghad jirrizulta li fis-seduta tad-19 ta' April 2018 gie vverbalizzat li *'Il-partijiet jaqblu illi l-konvenuti huma ezentati mill-prova illi fir-rigward tal-kawza numru 17/2015 sar appell tat-terz minn l-atturi odjerni, liema fatt huwa kkonfermat'*. Illi ghalhekk minn hawn johrog bic-car li l-atturi odjerni fil-fatt ghamlu uzu mill-mezz ordinarju ta' appell tat-terz. Di fatti l-Artikolu 226 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula l-mezz tal-appell li permezz tieghu ghandha tigi mpunjata sentenza kif isegwi:

*'(1) L-appell isir b'rikors li jigi prezentat fir-registru tal-Qorti ta' l-Appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza'*.

"Il-ligi tipprovdi wkoll ghar-rimedju ta' ritrattazzjoni ai termini ta' l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli l-ohra sussegwenti.

"L-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*'Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra;*

*(b) jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza;*

*(c) jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimità;*

*(d) jekk is-sentenza tkun giet moghtija minn qorti nkompetenti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif imsemmi fl-artikolu 741(a), basta li qabel ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-inkompetenza;*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha lqorti tkun espressament tat decizjoni;*

*(f) jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba;*

*(g) jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab;*

*(h) jekk is-sentenza tkun kuntrarja ghal sentenza ohra ta' qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet f'gudikat, basta li l-eccezzjoni ta' res judicata ma tkunx giet moghtija u deciza;*

*(i) jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin;*

*(j) jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu ddikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt;*

*(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument decisiv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza;*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verità tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verità tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.'*

"Illi l-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> *'Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob irritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell.'*

"Illi fl-ahharnett, l-artikolu 818(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula z-zmien li fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni skont il-kaz, b'dawn ikunu:

> *(1) Iz-zmien li fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd -*
>
> *(a) fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 811(a) u (k), mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument;*
>
> *(b) fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b), mill-gurnata li fiha lattur ikun gie jaf bis-sentenza;*
>
> *(c) fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafu (j), jekk il-falsità tkun, fuq talba jew kwerela tal-istess attur, giet iddikjarata wara ssentenza attakkata, mill-gurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun giet iddikjarata wara dik is-sentenza, izda fuq talba jew kwerela ta' haddiehor, jew jekk tkun giet iddikjarata qabel, mill-gurnata li l-attur ikun gie jaf b'dik id-dikjarazzjoni;*
>
> *(d) f'kull kaz iehor, minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.*
>
> *(2) Ma tista' tintalab f'ebda kaz ritrattazzjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza.*

"Illi ghalhekk jirrizulta li din il-kawza qatt ma setghet legalment issir stante li ma tikkonsistix f'wiehed mir-rimedji ordinarji permissibbli mill-ligi li permezz tieghu tista' tigi attakkata sentenza w'ghalhekk isegwi li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hija gjustifikata u jisthoqq li tigi milqugha. La darba ser tigi milqugha t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti jsegwi li din ilQorti ma tistax tiehu konjizzjoni aktar tal-kawza odjerna u ma jibqala lebda alternattiva ghajr li tichad it-talbiet kollha attrici.

**"Decizjoni:**

**"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha susesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li ssostni li ma huwiex moghti d-dritt lil xi hadd li permezz ta' kawza jattakka l-ezistenza ta' kawza ohra jew ta' sentenza gia deciza, per conseguenza, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.**

**"Bl-ispejjez kollha kontra l-attur nomine."**

**<u>Rikors tal-appell tal-Avukat Dr Larry Formosa *nomine* (25.01.2019):</u>**

3. L-attur *nomine* għan-nom u in rappreżentanza tal-imsifrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri, u Deborah Brookes intavola l-appell odjern li permess tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' it-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

4. L-attur appellant *nomine* ifakkar qabel xejn li t-talbiet kienu tnejn, u cioe` biex il-Qorti tiddikjara:

- li s-<u>sentenza</u> fir-rikors ġuramentat 17/2015/PC hija illegali, irritwali u nulla u allura bla effett legali; u

- li dik l-istess <u>sentenza</u> ma tagħmilx fronti fil-konfront tal-atturi.

L-aggravji tiegħu, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) Il-motivazzjoni u dak kollu li intqal fis-sentenza appellata dwar l-abolizzjoni mis-sistema proċedurali ta' pajjiżna tar-"*restituto in integrum*" ma japplikax għall-każ in eżami għaliex l-atturi ma kinux parti fil-kawża 17/2015/PC u hawn non si trattava ta' parti sokkombenti f'proċeduri li kienet parti fiha.

(ii) Hija ġurisprudenza stabbilita li *"huma t-tribunali ordinarji dawk li għandhom jaraw jekk liġi, jew sentenza jew kwalunkwe skrittura oħra vinkolanti ġietx magħmula jew le skont il-liġi, u maħruġa minn dawk l-organamenti kostitwiti tal-pajjiż għalkemm dik is-sentenza (*tkun profferita minn Board speċjali, iżda ladarba*)*[1] *ġiet profferita biex ikun diskuss, eżaminat u deċiż jekk hix nulla jew le għar-raġunijet fuq miġjuba huwa meħtieġ li jiġu aditi it-Tribunali Ordinarji.*" (Michele Cefai v. Angelo Cutajar, App. 14.04.1947 – XXXIII-i-49)

(iii) Al di la` mill-kwistjoni tan-nullita` l-atturi qed jitolbu fit-tieni lok li jiġi dikjarat li s-sentenza ma tagħmilx fronti fil-konfront tagħhom u dan għaliex minkejja li tiddeċiedi kwistjoni li tolqothom direttament minħabba l-iżbalji proċedurali li saru, huma baqgħu estranei għall-proċeduri. Il-proċeduri iffalsifikaw il-verita` u l-fatti reali. Is-sentenza ingħatat *ad insaputa* tagħhom u mingħajr ma ssejħu fil-kawża u issa ġew rinfaċċjati b'sentenza fi proċeduri li qatt ma kienu parti għalihom. Għalhekk jekk is-sentenza ma tiġix dikjarata nulla, għallinqas għandha tiġi dikjarata ineffettiva fil-konfront

[1] Frażi fil-parentesi kienet imħollija barra mill-appellant *nomine* waqt li kien qed jiċċita mis-sentenza

tagħhom.

**Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati Peter Camilleri u Frans Camilleri (07.02.2019):**

5. Il-konvenuti aħwa Camilleri wieġbu biex jgħidu għaliex l-appell għandu jiġi riġettat bl-ispejjeż kontra l-appellat *nomine*.

**Kwadru tal-fatti**:

6. Huwa utli fl-ewwel lok li tiġi spjegata l-parentela tal-persuni involuti fil-kwistjoni. Jibda' biex jingħad li Emanuel Camilleri u Tarcisio Camilleri huma aħwa (Għawdxin).

- Emanuel Camilleri għamel żmien twil jgħix ir-Renju Unit u kellu tifel wieħed, Lawrence Camilleri, li da parti tiegħu kellu tlett itfal: Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri.

- Tarcisio Camilleri, fost it-tfal li kellu, kellu lil Emanuel Camilleri, Peter Camilleri, u Frans Camilleri.

7. Emanuel Camilleri (ħu Tarcisio) għamel żewġ testmenti li taw lok għal ħafna disgwid u addirittura xejn inqas minn tliet kawżi bejn il-familjari.

Għal intendiment aħjar tal-vertenzi, din il-Qorti ser telenka is-segwenti fatti b'mod kronoloġiku:

20.11.1981 Emanuel Camilleri (ħu Tarcisio Camilleri) għamel testment f'Għawdex fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi. F'tali testment l-ewwelnett iddikjara li kien qed iħassar u jirrevoka kull testment li għamel fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex filwaqt li jħalli sħaħ u integri id-dispożizzjonijiet ta' testment li hu għamel barra minn dawn il-gżejjer. Huwa imbagħad iddikjara li kien qed iħalli b'titolu ta' legat lil tnejn minn ulied ħuħ Tarcisio - cioe` lil Peter u Frans Camilleri:

> *"…il-beni kollha mobili u immobili kull depożitu bankarju u kull stock u bonds illi hu testator kellu maħdumin u depożitati fl-epoka tal-mewt tiegħu f' dawn il-ġżejjet ta' Malta u Għawdex*."

20.04.1982 Emanuel Camilleri (hu Tarcisio Camilleri) għamel testment fir-Renju Unit li fih iddikjara li:

> *"1. I hereby revoke all former wills and codicils made my me.*
>
> *"2. I appoint my son Lawrence Camilleri to be the executor of this my will.*
>
> *"3. I give to my said son absolutely all of my property whatsoever which is at the date of my death situate or held in the United Kingdom."*

21.01.1984 Miet Emanuel Camilleri (ħu Tarcisio Camilleri).

07.06.1985 Lawrence Camilleri, iben il-mejjet Emanuel Camilleri fetaħ kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex (Superjuri, Ċivili) kontra kuġinuh Emanuel Camilleri u zijuh Tarcisio Camilleri għal kull interess li jista' jkollu (**78/1985/PC**) "**Martin Camilleri bħala mandatarju għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Lawrence Camilleri vs Emanuel Camilleri u għall-kwalunkwe interess li jista' jkollu, Tarcisio Camilleri**." Huwa talab lill-qorti:

(i) tiddikjara li huwa l-uniku eredi sia testamentarju u "ex lege" ta' missieru Emanuel Camilleri;

(ii) tikkundanna lil kuġinuh Emanuel Camilleri jiżgombra mill-fond 7, Triq Ħanaq, Nadur;

(iii) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirritornaw il-vettura Vauxhall u s-somma ta' £6,000

24.08.2005 Miet Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri.

20.01.2014 Il-kawża 78/1985/PC, waqgħet deżerta. F'dak l-

istadju diġa` kien ġie ppreżentat ir-rapport tal-perit legali Dr Georgine Schembri (fl-2011), fejn ikkonkludiet *inter alia* li t-testment tal-1982 ma kellux l-effett li jirrevoka t-testment tal-1981, u kienet anke saret talba mill-attur noe għall-ħatra ta' periti perizjuri.

14.04.2015 Peter u Frans aħwa Camilleri fetħu kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, kontra l-wirt battal ta' zijuhom Emanuel Camilleri (**17/2015/PC**) "**Peter Camilleri u Frans Camilleri v. L-Avukat Dr Jean Paul Grech li b'diġriet tas-7 ta' April 2015 ġie nominat bħala kuratur għall-wirt battal ta' Emanuel Camilleri, ġia pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria nee Bigeni**". F'tali kawża talbu lill-Qorti biex

(i) tiddikjara li bit-testment tal-20.11.1981 zijuhom Emanuel Camilleri ħallielhom b'titolu ta' legat fi kwoti indaqs u diviżi bejniethom il-beni kollha mobbli u immobbli u kull depożitu bankarju u kull stocks u bonds li kellu fl-epoka tal-mewt tiegħu f'Malta jew Għawdex;

(ii) tiddikjara li fost il-beni immobbli kien hemm il-fond 7, Triq il-Ħanaq, Nadur;

(iii) Tordna lill-konvenut jersaq għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi, b'mod speċjali tal-fond immobbli 7, Triq il-Ħanaq, Nadur.

11.10.2016 Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fil-kawża 17/2015/PC qablet mar-rapport tal-perit legali fil-kawża 78/1985 u laqgħet it-talbiet tal-aħwa Peter u Frans Camilleri.

31.10.2016 L-Avukat Dr Larry Formosa *nomine* (f'isem l-imsefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri – li jiġu ulied Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri) intavola **appell ta' terz mis-sentenza tal-11.10.2016.** L-appell jirrigwarda l-mertu.

26.01.2017 L-Avukat Dr Larry Formosa *nomine* (f'isem Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri – li jiġu ulied Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri) intavola kawża quddiem il-Qorti

tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri kontra Peter u Frans Camilleri (9/2017/JVC) "**Avukat Dottor Larry Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes v. Peter Camilleri u Frans Camilleri".** F'tali kawża l-Qorti ġiet mitluba:

(i) tiddikjara li r-rikors ġuramentat (17/2015/PC) bħala illegali, irritwali u null u għalhekk mingħajr effett legali;

(ii) tiddikjara għalhekk li s-sentenza relattiva (11.10.2016) ma tagħmilx fronti fil-konfront tal-atturi.

08.01.2019 Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fil-kawża 9/2017/JVC laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti aħwa Peter u Frans Camilleri, li *"ma huwiex mogħti d-dritt lil ħadd li permezz ta' kawża jattakka l-eżistenza ta' kawża oħra jew ta' sentenza ġia deċiża"* u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi.

25.01.2019 L-Avukat Dr Larry Formosa *nomine* (f'isem l-imsefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri – li jiġu ulied Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri) intavola **appell mis-sentenza tat-08.01.2019.**

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

8. Tliet xhur wara li l-attur *nomine* intavola l-appell ta' terz mis-sentenza relattiva għall-kawża 17/2015/PC (liema appell jirrigwarda unikament kwistjonijiet dwar il-mertu) huwa intavola il-kawża 9/2017/JVC, fejn talab lill-Qorti biex minħabba li l-kawża 17/2015/PC saret kontra l-wirt battal ta' Emanuel Camilleri meta fil-fatt ma kien wirt battal xejn:

*(1) tiddikjara li r-<u>rikors ġuramentat</u> tal-17/2015/PC huwa illegali, irritwali u null u għalhekk mingħajr effett legali;*

*(2) tiddikjara għalhekk li s-<u>sentenza</u> relattiva għall-kawża 17/2015/PC ma tagħmilx fronti fil-konfront tal-atturi; u*

*(3) sussegwentement tipprovdi rimedju.*

9. Huwa intavola l-appell odjern għaliex ħassu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti (li *"mhux mogħti d-*

*dritt lil xi ħadd li permezz ta' kawża jattakka l-eżistenza ta' kawża oħra jew ta' sentenza ġia deċiża"*) u ċaħdet it-talbiet tiegħu.

10. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-attur appellant *nomine* mhux korrett meta qabel ma jispjega l-aggravji tiegħu ifakkar li t-talbiet tiegħu f'din il-kawża odjerna kienu sabiex jiġi dikjarat li s-<u>sentenza</u> mogħtija fil-kawża 17/2015/PC hija illegali, irritwali u nulla għalhekk mingħajr effett legali, u sabiex tali sentenza ma tagħmilx stat fil-konfront tal-atturi. Huwa invece f'din il-kawża odjerna kien talab li jiġi dikjarat li r-<u>rikors ġuramentat</u> tal-kawża 17/2015/PC huwa illegali, irritwali, null u mingħajr effett legali u li "għalhekk" is-sentenza f'tali kawża ma tagħmilx stat fil-konfront tal-atturi.

11. Biex ikun ingħad kollox, pero`, l-ewwel Qorti ukoll donnha f'xi stadju fehmet li l-kawża odjerna kienet sabiex tiġi dikjarata nulla s-sentenza tal-kawża 17/2015/PC (sottolinear ta' din il-Qorti):

> *"Dawn il-pronunzjamenti għandhom isibu l-applikazzjoni tagħhom għall-mertu tal-kawża odjerna. <u>Huwa ċar li l-azzjoni tal-atturi, li biha qegħdin jitolbu n-nullita`, l-irritwalita` u l-illegalita` tas-sentenza hija improponibbli</u>. L-atturi qegħdin jitolbu riżultat li ma jistax jiġi ottenut bil-proċedura adoperata. Mill-banda l-oħra l-atturi kellhom a dispożizzjoni tagħhom żgur ir-rimedju stabbilit bil-liġi u cioe` dak* ***ordinarju*** *tal-appell u dak* ***straordinarju*** *tar-ritrattazzjoni. Tant hu hekk li fil-fatt jirriżulta li l-istess atturi ppreżentaw appell tat-terz kontra l-istess deċiżjoni li permezz tal-proċeduri odjerni qed jitolbu li tiġi dikjarata illegali, irritwali, nulla u għalhekk mingħajr effett legali.*
> …..
> "*Illi għalhekk jirriżulta li din il-kawża qatt ma setgħet legalment issir stante li ma tikkonsistix f' wieħed mir-rimedji ordinarji permissibbli mil-liġi <u>li permezz tiegħu tista' tiġi attakkata sentenza</u> w' għalhekk isegwi li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija ġustifikata u jistħoqq li tiġi milqugħa."*

12. Tant pero` din il-kawża odjerna ma saritx għall-fini li tiġi dikjarata nulla s-sentenza tal-kawża 17/2015/PC, li t-tieni talba fil-fatt mhix għat-tħassir tas-sentenza tal-kawża 17/2015/PC iżda biex jiġi dikjarat li s-sentenza sempliċiment ma tagħmilx stat fil-konfront tal-atturi.

13. It-tħassir tas-sentenza abbażi tal-kwistjoni li proċeduralment kienet ġiet intavolata ħażin (cioe` għaliex saret kontra wirt battal meta allegatament il-wirt ma kienx battal) fil-fatt setgħet faċilment saret mill-attur *nomine* fl-appell tat-terz li għamel mis-sentenza tal-kawża 17/2015/PC, iżda f'dak l-appell tat-terz huwa talab it-tħassir tas-sentenza abbażi biss ta' kwistjonijiet dwar il-mertu (cioe` li l-ewwel Qorti kellu jirriżultalha li t-testment tar-Renju Unit kien jirrevoka t-testment ta' Għawdex). L-atturi kellhom rimedju utili, ordinarju u effettiv jekk hassuhom aggravati bis-sentenza fil-kawza 17/2015PC u dan ir-rimedju ressquh bl-appell tat-terz fejn setghu ressqu l-aggravji li pero` minflok intavolaw permezz ta' kawza. Jekk ma ghogobhomx jutilizzaw ir-rimedju tal-appell fis-shih u minflok ghogobhom li kontestwalment mal-appell jintavolaw kawza b'ragunijiet ulterjuri biex iwaqqghu b'kawza sentenza li ghadha mhix *res judicata* u soggett ghall-appell taghhom stess hi fil-fehma tal-Qorti abbuz tal-process gudizzjarju. L-atturi setghu facilment assumew l-atti bhala eredi pero dawn ghogobhom ma jaghmluhx ghar-ragunijiet taghhom kif *del resto* lanqas ghamluh meta ghamlu appell tat-terz fil-kawza 17/2015PC. L-atturi qed jippruvaw jaghmlu uzu mill-poter

residwu tal-Prim Awla li huwa poter eccezzjonali bhalma hu l-istitut tar-ritrattazzjoni li ghandu jintuza biss f'cirkostanzi partikolari u cirkostritti.

**Decide**

14. Ghalhekk ghal ragunijiet kemmxejn differenti qed tigi konfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti u l-appell qed jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghall-attur appellant nomine.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr